TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/64/19/S

Rosalie u Alfred Tanti
Vs
Solo Optical Ltd.

Illum 27 ta'Mejju,2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Rosalie u Alfred Tanti pprezentata fis-27 ta'Mejju,201 u r-risposta tas-socjeta Solo Optical Ltd ipprezentata fl-10 ta'Settembru,2019;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u lir-rapprezentanti taghhom, kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fl-10 t'Ottubru,2019;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda lenti 'varifocal' li r-rikorrenti Rosalie Tanti ma dratx u bdew ituha fastidju mentri s-socjeta intimata kellha dubbji fuq dak li ssugerixxa l-oftologu Dr.Mario Bonnici li ezamina lir-rikorrenti. Jidher li ma kienx hemm komunikazzjoni tajba u effettiva bejn Dr.Bonnici u s-socjeta intimata;

Illi mill-provi jirrizulta li r-rikorrenti mal-ewwel kellha problemi bil-'varifocal' pero kienet giet infurmata li certi persuni jehtiegu zmien biex jidrawhom;

Illi hemm diversi fatturi li jridu jittiehdu in kunsiderazzjoni f'ilment simili ghal dak tar-rikorrenti;

Illi biex l-azzjoni tar-rikorrenti tirnexxi, hija riedet tipprova li s-servizz moghti mis-socjeta intimata ma kienx wiehed professjonali jew li l-lenti kienu zbaljati;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070

Illi dan it-Tribunal ghandu quddiemu n-nota ta' Dr.Bonnici datata 27 ta'Marzu,2019 li ssugerixxa x'kellu jsir mis-socjeta intimata;

Illi ma ingabet ebda prova mir-rikorrenti li l-lenti saru b'mod mhux professjonali daparti tas-socjeta intimate u jinghad ukoll li lenti hija haga delikata u suggettiva hafna;

Illi mhux bilfors li meta lenti ma tkunx tajba, dan ikun zball jew difett. Hemm element kbir ta' suggettivita u jista' jkun li persuna tista' tidra lenti mentri persuna ohra le;

Illi min-naha l-ohra dan it-Tribunal ihoss li s-socjeta intimata kellha taghmel kif propost minn Dr.Bonnici u n-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn l-istess Dr.Bonnici u s-socjeta intimata, m'ghandux ikun ta'pregudizzju ghar-rikorrenti;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Rosalie u Alfred Tanti filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Solo Optical Ltd, b'dan li s-socjeta intimata ghandha tohrog *credit note* ta' €100 favur ir-rikorrenti minghajr limitazzjoni ta' zmien biex tintuza'. Kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru